MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-5 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 468/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Grixti Emmanuel**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Frar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u zewg liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm302.99) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lill-Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 02632 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Awissu 2002 u Marzu, 2002;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Dicembru, 2002, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-imghaxijiet**

**sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li fis-seduta tas-16 ta' Ottubru, deher id-difensur tal-konvenut li ta' ruhu b'notifikat. Ra li fis-seduta ta' l-4 ta' Dicembru il-konvenut ma setghax jattendi ghall dik is-seduta u dana skond certifikat mediku esibit.**

**Ra l-kapitolu prezentat fil-15 ta' Jannar, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx ghalkemm imsejjah in subizzjoni.**

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u zewg liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm302.99) bl-imghax legali mill-20 ta' Dicembru, 2002 sal-pagament effettiv.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Dicembru, 2002, u dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------